MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru 682/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Francis Micallef)**

**vs**

**MICHEAL DOMENIC SPITERI GONZI**

**Illum 12 ta' Settembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Micheal Domenic Spiteri Gonzi ta' 45 sena bin Joseph u Elizabeth nee' Thompson imwieled Singapor fil-5 ta' Settembru 1958 u li joqghod 14 Sqaq il-Bandolier, Zejtun, I.D. 0205900L gie akkuzat:

Talli fil-Gzira nhar id-9 ta' Gunju 2002, ghal habta tas-7.30 pm, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq u cioe ghamel hsara fuq A.T.M. tal Bank of Valletta liema hsara tammonta ghal LM325.75.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok FM3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li l-imputat ammetta l-akkuza.

Spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Francis Micallef iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u hu konsapevoli li l-imputat hallas il-hsara kollha fl-ammont ta' Lm325.75 lil Bank of Valletta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Micheal Domenic Spiteri Gonzi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Francis Micallef iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u hu konsapevoli li l-imputat hallas il-hsara kollha fl-ammont ta' Lm325.75 lil Bank of Valletta u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Micheal Domenic Spiteri Gonzi ghall-piena ta' disgha (9) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul

il-perjodu ta’ sentejn millum l-imputat Micheal Domenic Spiteri Gonzi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Micheal Domenic Spiteri Gonzi l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------